MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tad-29 ta' Gunju, 2012

Numru. 1381/2012

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND J. BORG**

**KONTRA**

**CARMEL MICALLEF TA' 34 SENA,**
**BIN PAUL U CATHERINE NEE CARUANA,**
**IMWIELED MTARFA NHAR IT-2 TA' LULJU, 1977,**
**RESIDENTI 11, IL-KATAKOMBI, RABAT, MALTA**
**U DETENTUR TAL-KARTA TAL-IDENTITA' NUMRU**
**311777M**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **CARMEL MICALLEF** li gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fit-28 ta' Gunju, 2012 u matul is-sitt xhur ta' qabel din id-data, gewwa r-Rabat Malta kif ukoll f'diversi postijiet diversi madwar Malta:

(1) Ikkoltiva l-pjanta cannabis bi ksur tal-artikolu 8(c) tal-Kap 101 tal-Ligjiet
ta’ Malta

(2) Biegh jew xort’ohra ttraffika l-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha, u dan bi ksur tal-art 8 (e) ta’ l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligjiet ta’ Malta;

(3) Ipproduca, biegh jew xort’ohra ttraffika r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur ta’ l-art 8 (b) tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-ligijiet ta’ Malta.

(4) Kellu fil-pussess tieghu il-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur tal-artikolu 8 (d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga instabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu

(5) Kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur ta’ l-art 8 (a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga instabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

(6) Kellu fil-pussess tieghu id-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonikjiet tar-4 u s-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta’ l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

(7) Ikkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta’ mitt metru mill-parametru ta’ skola, club jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu iz-zghazagh bi ksur tal-artikolu 22(2) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijeit ta' Malta.

Rat l-ordni ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata quddiem din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet li l-imputat irregistra ammissjopni li rriaferma moghti z-zmien ghall-istess.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur dwar l-ammonti ta' droga misjuba u cioe 180 gramma cannabis resin, 130 gramma cannabis grass, sitt pjanti ta' cannabis u gramm cannabis seeds, pakkett 5 gram cocaine.

Dwar il-piena semghet it-trattazzjonijiet u kkonsidrat it-trobbija difficli li kellu l-istess imputat. Ikkonsidrat ukoll li hu kkopera ghal kollox ma' l-ufficjali tal-pulizija. Rat ukoll l-istqarrija esebita.

Issibu hati fuq ammissjoni wara li rat l-artikolou 8(c) (e) (b) (d) tal-Kapitlu 101, l-ewwel Skeda tal-Kapitlu 101, dispozizzjoijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima ta' l-Ordinanza, kif ukoll GN 292/1939, 22(2) tal-Kapitlu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, 22(2)(b)(II) tal-Kapitlu 101.

Tikkundannah ghal piena ta' seba' (7) snin habs u ghal multa ta' hamest elef Ewro(5000). Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita. Tirrakomanda lid-Direttur tal-Habs li jaghtih kull ghajnuna possibbli biex Carmel Micallef johrog mill-problema tad-droga.

In vista tal-fatt li ma gietx konkluza l-inkjesta mhux qed jigi applikat l-artikolu 533 tal-Kapitlu 9.

Rat l-artikolu 14 tal-Kapitlu 9 u l-multa hi pagabbli fi zmien tliet snin.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------